MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 563/2009

**Kerber Securities Limited (C37233)**

**vs**

**Anew Life Malta Limited (C39560/5)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Lulju 2009, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ tlett elef erba` mija u disghin Euro (€3490) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef erba` mija u disghin Euro (€3490) bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------